KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 3**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 21 ta' Awwissu, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Vince Bonello
Antoine Vassallo
Maria Baldacchino
Mario Calleja
Maria Mallia
Jean Carl Agius Ciscaldi

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg

---

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**03.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

03.02.01 Fuq Triq Ġuże Maria Camilleri is-sindku qal li l-bankini huma lesti u li baqa biss dik il-parti ta' quddiem il-ħanut tal-ikel. Se ssir ukoll laqgħa biex jibda x-xogħol fi Triq Manuel Magri ta' quddiem il-ħanut li hemm. F'din l-istess triq irid jitgħadda cable sa quddiem il-knisja tal-kunċizzjoni.

03.02.02 Is-sindku fakkar li huwa mportanti li mingħandu xi ismijiet għas-sottokumitat f'każ li hemm min hu interessat li jkun parti.

03.02.03 Fuq kameras hemm il-pjan li jsiru 2 ġodda fi Triq Alexander, oħra fi ġnien/bandli Anton Buttigieg u Pjazza Sette Giugno li se jkunu sponsorjati mil-LESA.

03.02.04 Rigward il-pellegrinaġġ tal-vara ta' San Gejtanu f'Ruma. Iż-żewġ baned se mmorru fiż-żewġ lokalitajiet fejn il-kunsill għandu ġemellaġġ magħhom. Is-sindku qal li huwa se jkun preżenti fil-waqt li tkun idea tajba li jiġi preżentat momento f'isem il-kunsill. Kif ukoll il-kunsill se jkun qed iħallas it-transport li ż-żewġ għaqdiet se jużaw biex imorru fil-lokalitajiet rispettivi. Il-kunsill approva.

03.02.05 Rigward is-sigurtà, saret laqgħa mal-ministeru fejn attendew is-Sindku u l-Viċi Sindku. Matul din ġew diskussi l-issues li hawn fil-lokal. Kienet laqgħa tajba u pożittiva fejn twasslu n-nuqqasijiet li hawn, u ġie mwiegħed li se jkun hemm aktar għajnuna fl-infurzar u koperazzjoni ma' awtoritajiet oħra. Se tkun qed issir laqgħa aktar il' quddiem biex ikun hemm komunikazzjoni aħjar bejn il-partijiet.

03.02.06 Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal li waqt din il-laqgħa ħa ħsieb li jwassal sew il-messaġġ anke jekk forsi b'ton iebes, imma dan sar għall-ġid tal-Ħamrun

03.02.07 Fuq Misraħ 7 ta' Ġunju, kif nafu dehru ħafna filmati. Kien hemm issue li jidher li kien Malti li kienet qed torqod hemm u li ttieħed azzjoni mill-Pulizija. Huwa mportanti li nibqgħu nieħdu azzjoni kif sar minnha tal-kunsill biex dejjem ikollna s-soluzzjonijiet.

03.02.08 Il-Viċi Sindku qal li la darba homeless ma jkun qed jagħmel xejn ħażin ma fiha xejn ħażin. Però fuq dan il-punt kien hemm diskussjoni libera bejn il-kunsilliera, però is-Sindku qal li huwa mportanti li jkun hemm soluzzjoni għal dawn in-nies mhux kemm jitneħħew mill-post u daqshekk. Huwa qal li huwa mportanti li nagħtu każ il-pressjoni tan-nies u li nibqgħu naħdmu flimkien bis-sehem ta' kulħadd insolvu l-problemi.

03.02.09 Il-Kunsillier Maria Mallia qalet li huwa mportanti li ngħinu imma mhux li jitħallew fil-post. Fuq dan il-punt kien hemm diskussjoni libera fejn però ġie

maqbul li jingħataw l-għajuna biex ikollhom post alternattiv fejn ikunu jistgħu joqgħodu.

03.02.10 Is-Sindku qal li l-festa ta' San Gejtanu ta' din is-sena kienet waħda tajba. Bħal dejjem il-kunsill mexa tajjeb fil-ħidma tiegħu. Huwa qal ukoll prosit għall-ħidmiet l-għaqdiet, fejn anke l-isforzi li saru mill-kunsill ġew ferm apprezzati.

03.02.11 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li ra li qed ikun hemm ħafna barijiet ġo xulxin, u jekk jinqala xi ħaġa se jkun problema biex tgħaddi l-folla. Huwa jinsab ħosbien fuq dan il-punt.

03.02.12 Is-Sindku qal li kien hemm ħidma tajba ħafna mill-pulizija. Kien hemm ukoll koordinazzjoni tajba bejn il-Kunsill u l-pulizija.

03.02.13 Huwa qal ukoll li l-istand li kellha ssir minn kumpanija tal-birra ma saritx minn naħa tagħhom.

## 03.03 Korrispondenza

03.03.01 Kien hemm korrispondenza fuq typre li infaqa meta kien qed isuq fi triq partikolari. Mad-dettalji ma kienx hemm ritratti li juru evidenza, għalhekk dawn se jintalbu.

03.03.02 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li nhar l-Erbgħa 11 ta' Settemru hemm AGM tar-Reġjun biex ikun hemm rappreżentanza mill-Kunsill.

03.03.03 In-National Council of Women għamlu talba biex Triq il-Kubrit tiġi mesmmija għal Jane Spiteri, l-fundattriċi tan-NCW. Is-Sindku wieġeb li dan ma jistax jinbidel għax hemm storja marbuta mat-Tirq għalhekk dan m'għandux jinbidel. Huma talbu li jekk ikun hemm xi triq, it-talba tagħhom tiġi kkunsidrata. Huwa qal ukoll li tkun idea tajba jekk ssir attività mal-kunsill għal dan l-anniversarju. Il-kunsill approva dan kollu b'mod unanimu.

03.03.04 Korrispondenza oħra kienet mingħand l-artist Ryan Galea li bagħat biex naraw kif nistgħu naħdmu fuq diversi affarijiet relatati mal-arti. Se naraw jekk hemm possibilità ta' fondi biex dawn ma jitħallsux mill-kunsill

03.03.05 Il-kumitat għat-tiswija tat-toroq issuġġerixxa biex jinbidlu xi bibien fi Triq Zimelli, fejn staqsew jekk hiex privata jew le din il-parti tagħha. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt u kkonferma li din mhux privata.

03.03.06 Korrispondenza fuq attività Jurasic Experience li tammonta għall-elf ewro. Il-kunsill m'approvax.

03.03.07 Il-Liċeo jixtieqi jagħmlu tagħmir għat-tfal għall-eżerċizzju. L-ispiża hija ta' €52,000. Jekk il-kunsill jaċċetta, mhux se jinħareġ dan l-ammont, però jista' jkun hemm talba għalihom permezz tal-Plannig Authority Fund. Bħala kunsill

ġieli intuzaw dawn il fondi, allura jkun tajjeb li napplikaw għal dan il fond. Il-kunsill approva.

**03.04** **Festival taċ-Ċikkulta**

03.04.01 Il-festival din is-sena se jsir nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru se jsir kif sar fis-snin ta' qabel. Se nkunu qed nħeġġu aktar lill-għaqdiet biex jieħdu aktar sehem u jorganizzaw aktar attivitajiet, wirjiet u affarijiet oħra. Se nippruvaw li l-budget ta' din l-attività jinżamm fil-baxx.

03.04.02 Il-Viċi Sindku staqsi hemm huwa l-ammont biex wieħed jabbona stand. Is-Sindku qal li se jkollna event organizer li jieħu ħsieb il-kordinazzjoni ta' dawn. Huwa qal ukoll li fit-triq prinċipali jkun hemm stands taċ-ċikkulata biss u tal-ikel fit-toroq sekondarji.

03.04.03 Il-Kunsilleri Jean Carl Ciscaldi, staqsa jekk l-għaqdiet tan-naħa tal-Kunċizzjoni jiġux avviċinati. Is-Sindku kkonferma li iva u li ta' kull sena dawn dejjem ipparteċipaw. Huwa semmgħew il-fatt li din issir fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li din it-triq tiġbor aktar follol għar-raġuni li f'din it-triq hemm aktar għaqdiet, u ħwietet. Kif ukoll din it-triq hija b'aktar attività. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera.

03.04.04 Is-sindku qal li hija x-xewqa li dan il-festival jibker allura dan se jasal sa' Triq San Tumas u fejn hemm l-istabbiliment tax-xiri se jkun hemm affarijiet għat-tfal.

03.04.05 Se kun hemm diversi spots fejn ikun hemm live music, fejn importanti li jinġiebu gruppi tajbin però b'budget raġonevoli. Palkijiet prinċipali se jkunu fejn il-knisja Santu Nuzzu, wieħed quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu, fejn każin San Gejtanu, fejn il-Pjazza u anke fejn l-Iscouts. Nibdew mis-6pm sa nofsillejl, importanti li dawk li jiġu mistiedna jieħdu slot ta' siegħa jew sagħtejn u mhux slots żgħar.

03.04.06 Fuq tfal, il-kunsill qabel li jiġu aċċettati kantanti tfal mill-Ħamrun u li ġejjin minn familji Ħamruniżi.

03.04.07 Il-kunsilliera Marija Baldacchino staqsiet jekk hux possibbli li jkun hawn żeffiena, pero jidher li l-unika problema se tkun l-istage. Dan il-punt għandi jerġa jitqajjem.

03.04.08 Is-Sindku saħaq li huwa mportanti li kulħadd ikollu u jagħti s-sehem tiegħu waqt l-attivita.

03.04.09 Il-kunsilliera Maria Baldacchino sabet ħanut li jagħmel iċ-ċikkulata bl-isem ta; The Chocolate District fejn hija se tkun qed tagħmel laqgħa miegħu biex nkunu nafu kif nistgħu naħdmu flimkien. Għal hemm il-possibilità li anke il-qoxra taċ-ċikkulata tkun personalizzat u relatata mal-festival stess

03.04.10 Is-Sindku qal li idealment il-kunsill ma joħroġx fondi, għalhekk din il-kumpanija tista' jkollha stand biċ-ċikkulata tiegħu.

03.04.11 Fuq din l-attività saret diskussjoni libera bejn l-kunsilliera kollha biex din tkun suċċess bħal dejjem, l-importanti li kulħadd jagħti sehemu. Huwa mportanti ukoll li javviċinaw ukoll xi artisti li jistgħu ikunu parti minn din l-attività.

**03.05 Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

02.05.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 08-2024 ġiet approvata.
Proposta mill-kunsillier Vince Bonello u sekondat Jean Carl Agius Ciscaldi

**03.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

03.06.01 Is-Sindku qal li kif jgħaddi s-Sajf u wara l festival tibda l-ħidma fuq id-dekasteri

03.06.02 Il-Viċi Sindku qal li fejn jidħol indafa qed jipprova jaħdem kemm jista, u din il-ġimgħa bagħat email lill-Malta Rangers Unit fejn daw xogħolhom hu li jduru fil-lokal, u jaraw kif titgranga l-problema. Huwa talab aktar informazzjoni fuq il-ħidma u rekwiżiti tagħkom.

03.06.03 Huwa qal ukoll li qed isib kollaborazzjoni kbira mill-kennies.

03.06.04 Il-Viċi Sindku qal ukoll li malli jgħaddi s-Sajf, immorru fit-toroq biex ikun hemm naqra monitoring ta' skart u hekk ikun hemm il-bżonn li jinħabbtu l-bibien biex jaraw x'inhi l-problema. Huwa qal li mportanti li l-kuntatt man-nies, għax il-kuntatt man-nies għandu jkun wieħed kontinwu.

03.06.05 Is-Sindku qal li huwa mportani li l-kunsilliera flimkien jingħadu biex jaraw li -indafa tkun prijorità.

03.06.06 Il-kunsilliera Maria Mallia qalet li fil-Belt Valletta saru xi kameras temporanji, fejn wara jittella video li però ma jidhirx il-wiċċ. Hija qalet li hija ħaġa li tista taħdem fil-lokal u nistaqsu kif din taħdem.

03.06.07 Il-viċi Sindku qal li tkun tajba ukoll jekk ikun hemm steward iduru mat-toroq. Huwa staqsa jekk hux possibbli li jiġi avviċinat xi ħadd mill-kunsill tal-Belt Valletta biex naraw x'jinvolvu dawn l-stewards.

03.06.08 Il-Kunsilliera Marija Mallia qalet ukoll li mportanti li n-nies ikunu nfurmatili meta tingħata ċitazzjoni il-kunsill ma jdaħħal l-ebda fondi.

03.06.09 Il-Kunsilleri Antonie Vassallo qal li jixtieq li jkollu aktar aċċess għall-PA permits u kif ukoll għall-fondi.

03.06.10 Il-Kunsillier Jeancarl Ciscaldi informa lill-kunsilliera li irċieva email mingħand Sport Malta biex issir attività fil-ġimgħa tal-isports, jingħalaq Strada Rjali biex

issir bħal Sports day fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Għal din l-attività m'hemmx żmien, però ikun tajjeb jekk attività simili ssir fiż-żmien li ġej.

03.06.11 Is-Sindku staqsa jekk hemm xi fondi għaliha, però huwa qal ukoll li tkun idea tajba jekk din issir bil-bidu tas-sena, bħal f'Marzu. Il-kunsillier Jean Carl Ciscaldi se jkun qed jibda jaħdem fuq din l-attività.

03.06.12 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino, ippreżentat il-pjan ta' ħidma għas-sitt xhur li ġejjin. Dan se jkun qed jarah is-Sindku u jagħti li se jkun qed jaraha u jagħti feedback.

03.06.13 Il-kunsillier Mario Calleja qal li qed ikollu diversi ilmenti f'diversi partijiet, fejn huwa ħafna dawn in-nies li qed javviċinawh.

03.06.14 Is-Sindku qal li meta jkun hemm dawn it-tip ta' ilmenti, ikun għaqli li jintbagħat email bl-informazzjoni kollha.

03.06.15 Il-Kunsilleri Mario Calleja, issuġerixxa, li Ġnien Salvinu Spiteri, huwa s-issuġġerixxa li forsi ssir funtana li wieħed ikun jista' jixrob l-ilma.

03.06.15 Il-kunsilliera Maria Mallia qalet ġibdula l-attenzjoni biex issir ħadida fil-parkeġġ ta' taħt il-kunsill fi-naħa ta' fejn jidħlu l-muturi. Hija qalet ukoll li hemm ċertu ħwienet li jridu laqgħa mas-Sindku. Fuq dan il-punt huwa qal li din tista' ssir qabel il-Festival taċ-Ċikkulata.

03.06.16 L-istess kunsilliera nfurmat lill-kunsill li l-grada għall-ġnien 7 ta' Ġunju se tkun daqt lesta u fakkret ukoll fuq il-pjanti ta' Triq Guże Pace. Kellha ukoll ilment relatati mal-bnadar li hemm tal-ħanut li hemm biswit Triq San Fedele qed jostakolaw il-vista biex wieħed joħroġ mit-triq.

03.06.17 Is-Sindku qal u ħeġġeġ lil kulħadd biex titkompla l-ħidma bejn kulħadd

## 03.07 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Ikkonfermata, illum 21 ta' Awwissu, 2024 fil-5.30pm.
Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Ħamis 19 ta' Settembru 2024

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv